MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2010

Avviz Numru. 278/2009

**Rikors Numru 278/09CSH**

**JAV Service Station Limited (C2964)**
**Vs**
**Tal General Co. Ltd.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors promotur tas-socjeta' attrici pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar id-29 ta' Lulju 2009, fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' hamest elef erba' mija w sebgha w sittin Ewro u wiehed u hamsin centezmu (€5467.51) rapprezentanti *fuel* lilu mibjugh u kkonsenjat fuq struzzjonijiet tieghu stess.
Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali pprezentata fid-9 ta' Lulju 2009 a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap 12 u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat fid-9 ta' Lulju 2009 u bl-imghaxijiet legali kkalkolati mill-1 ta' Novembru 2008 sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta pprezentata nhar it-18 ta' Novembru 2009 fejn eccepiet is-segwenti:-

*1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri.*
*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-azzjoni attrici hija ntempestiva u hija ntiza unikament sabiex iddejjaq u timmolesta lis-socjeta' ntimata, in vista tal-fatt illi qatt ma gew ipprezentati fatturi ghall-hlas.*
*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jispetta lis-socjeta' attrici tipprova illi l-materjal li fuqu qeghda tibbaza l-amont reklamat gie fil-att ikkonsenjat kollu lis-socjeta' ntimata.*
*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ispejjez tal-ittra ufficcjali pprezentata fid-9 ta' Lulju 2009 m'ghandhomx jigu nkorsi mis-socjeta' ntimata stante illi tali ittra ufficcjali kienet nulla ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.*
*5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Illi nhar il-21 ta' Jannar 2010 xehed **James Meli** in rappresentanza tas-socjeta' attrici u dan fil-kwalita' tieghu ta' Direttur, u kkonferma li huma ghandhom pompa tal-petrol. Ikkonferma li l-ammont reklamat fir-rikors promoter, u cioe' hamest elef erba' mija w sebgha u sittin Ewro u wiehed u hamsin centezmu (€5467.51) jirrapprezenta konsenji ta' *fuel* mibjugh lil, u mehud mis-socjeta' konvenuta. Stqarr li dan l-ammont kien ghadu dovut sa meta xehed. Spjega illi huma kellhom arrangement ma' Carmel Spiteri ghan-nom tas-socjeta' konvenuta, li kull darba li xi mpjegat ta' din is-socjeta' jmur jiehu l-*fuel*, huma kellhom jaghtuh is-servizz, u dan jiffirma xi *invoice* u sussegwentement huma jibaghtu l-*invoice* relattiva u jircievu l-hlas. Qal li dan kien l-arrangament ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena. Qal li ghall-ewwel il-konvenut kien regolari fil-hlas, izda wara s-sena 2006 il-konvenut beda jaqa' lura u ghalhekk kien wasal fi ftehim li kellu jhallas il-bilanc bil-mod, b'pagamenti fix-xahar. Kien ghalhekk li kellu jaghmel din il-kawza u llum qed jippretendi wkoll l-ispejjes tal-kawza.

Spjega wkoll li s-socjeta' konvenuta kellha *credit facilities* maghhom, u kien juza wkoll l-*automated machine,* billi jiehu l-*fuel*, jaghfas il-buttuna u jinghata l-ircevuta, u dan l-ammont jigi debitat fil-kont tieghu. Ikkonferma li qabel ma fetah il-kawza odjerna kien talab il-hlas minghand il-konvenut divesi drabi, izda dan kien jghidlu li ma kellux flus, izda meta jkollu kien lest li jhallsu.
Huwa esebixxa dokumenti li juru l-bilanc li kellha s-socjeta' konvenuta, u fejn hemm indikat iz-zewg vetturi tas-socjeta' konvenuta li kienu jigu suppliti bil-*fuel*, u cioe' vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAB 395 u ohra bin-numru JBD 103. Spjega li fil-vettura van Kia Ceres kien ukoll ikun hemm talvolta xi tank u dan kien jigi mimli bil-*fuel* ukoll, indipendenetment mill-vettura.
In kontro-ezami jghid li l-*credit notes* kienu jigu ffirmati minn Carmel Spiteri wara li kien gie hekk awtorizzat. Kien hemm ukoll xi mpjegati ohra tieghu li kienu awtorizzati jiffirmaw il-*credit notes* relattivi. Ikkonferma li s-socjeta' konvenuta ghandha kopja ta' kull kont li huma baghtu, u dan b'mod ripetut kull xahar.
Nhar l-20 ta' Mejju 2010 huwa esebixxa kopja ta' dawn id-*delivery notes* li ma gewx imhallsa, u dawn gew immarkati bhala Dok. Z, konsistenti f'erba' faccati. Flimkien, l-ammonti hemm indikati jammontaw ghall-ammont imsemmi w mitlub fir-rikors promotur.

Rat l-ittra ufficcjali prezentata mis-socjeta' attrici nhar id-9 ta' Lulju 2009 fejn talbet l-istess ammont imsemmi fir-rikors promotur minghand is-socjeta' konvenuta (fol. 21).

Illi fit-13 ta' Lulju 2010 xehed **Carmel Spiteri** ghan-nom tas-socjeta' konvenuta u kkonferma li l-ammont mitlub huwa dovut, pero' jispjega li huwa ma hallasx dan il-kont ghaliex is-socjeta' attrici dejjem kienet tweghdu li kienet ser ittih *discount,* pero' dan qatt ma ghamlitu. Ikkonferma li huwa kellu negozju b'sahhtu mas-socjeta' attrici u kien jiehu hafna *fuel* minghandha, kif jirrizulta mid-Dokument J esebit minnu.

Ikkunsidrat:-

Naturalment is-socjeta’ attrici li tallega d-debitu ghandha fl-ewwel lok u dejjem l-obbligu li tipprova l-kreditu minnha vantat. Inkella fin-nuqqas li taghmel dan, jibqa’ jimpera l-principju ‘*actor non probante reus absolvitur’.*

Kif gie ritenut fis-sentenza mghotija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc nhar is-26 ta’ Jannar 1976 fl-ismijiet **Avv. John Buttigieg noe vs Joseph Porteli noe** **“***Il-piz tal-prova tal-pagament hu fuq id-debitur li jallegah. Prova din li hi jista jaghmel b’kull mezz billi l-produzzjoni ta’ ricevuta mhiex dispensabbli u jistghu jingiebu provi ohra konvincenti.”*

M’hemmx dubbju li l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa’ fuq is-socjeta’ attrici mill-bidu sal-ahhar tal-kawza, ghax hi qed tallega d-debitu, u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili nhar is-27 ta’ Mejju 1970 fl-ismijiet **Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri,** u kkonfermat fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri per Onor. Imhallef Ph. Sciberras) nhar id-19 ta’ Mejju 2004 fl-ismijiet **Maltacom p.l.c vs Kurt Galea Pace** **‘***F’kaz ta’ konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi nkombenti rispettivament lilhom, cioe’ l-attur l-esigibilita’ u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa’ dejjem jimpera l-principju ‘actore non probante reus absolvitur’. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor ‘reus in excipiendo fit actor’, ghax jerga’ jinghad***,** *l-oneru centrali tal-akkuza jiqa’ fuqu. Altrimenti f’kull kaz ta’ konflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa sospiza fi stat ta’ dubju jekk hemmx debitu.”*

Issa f’dan il-kaz is-socjeta’ attrici ressqet lil James Meli jixhed in rappresentanza taghha, w jghid li l-ammont mitlub fir-rikors promotur kien ghadu dovut u li dan jirrappresenta konsenji u bejgh ta’ *fuel* lis-socjeta’ konvenuta. Illi huwa esebixxa *delivery notes* (Dok Z) iffirmati mir-rapprezentanti tas-socjeta’ konvenuta sabiex jipprova l-kreditu tieghu fl-ammont imsemmi fir-rikors promotur.

Min-naha l-ohra Carmel Spiteri ghan nom tas-socjeta' konvenuta ma jichadx li huwa ghandu jaghti din is-somma, pero' jghid li huwa ma hallasx il-kont pendenti ghaliex ippretenda li jinghata d-*discount* li kien gie imwieghed. Mistoqsi kemm kellu jkun id-*discount* jghid li ma jafx. Illi ghalhekk ir-raguni ghaliex ma hallasx il-kont mhix dik kif esposta fl-eccezzjonijiet tieghu. Ma jirrizultax li l-konvenut qatt ghamel xi haga sabiex ikun jaf x'kellu jkun id-*discount* u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi thoss li tali raguni hija skuza pwerili sabiex itawwal il-kaz, u jdum ma jaffettwa l-pagament dovut.

**Ghaldaqstant din il-Qorti tiddikjara li t-talba attrici hija gusta u timmerita li tigi kkonfermata, w ghalhekk qieghda tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici dik is-somma ta' hamest elef erba' mija w sebgha u sittin Ewro u wiehed u hamsin centezmu (€5467.51) ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors promotur u tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta.**

**Tordna li s-socjeta' konvenuta thallas ukoll l-ispejjez kollha tal-kawza, nkluz dawk tal-ittra uficcjali u tal-mandat ta' sekwestru pprezentati fid-9 ta' Lulju 2009, u bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-ittra uficcjali**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------